# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 427/2016 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Maxim Lion**
**(ID 0082765A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 t'Ottubru, elfejn u sittax (2016) illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u erba' u disghin ewro u zewg centezmi (€1,294.02) in konnessjoni ma' servizz elettroniku ta' komunikazzjoni maghruf bhala 'Intra Plan PM 85' li gie prestat mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40449458 bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezentata tar-rikors kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-20 ta' Frar, 2017, 6 ta' Marzu, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba inkluz l-affidavit ta' Charmaine Wiffen (fol. 7 tal-process) u l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici is-somma ta' s-somma ta' elf, mitejn u erba' u disghin ewro u zewg centezmi (€1,294.02) in konnessjoni ma' servizz elettroniku ta' komunikazzjoni li gie prestat mis-socjeta' attrici lill-konvenut bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tan-notifika tal-avviz odjern lill-konvenut kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**